MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Awwissu, 2004

Numru 271/2003

Il-Pulizija
(Spettur Pierre Micallef Grimaud)
(Spettur, illum Supretendent Paul Camilleri)

Vs

Jason Falzon

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Jason Falzon bin Anthony u Maria Lourdes nee' Zahra imwieled Pieta u joqghod B'Bugia ta' karta ta' identita' numru 299681(M), akkuzat talli fl-20 ta' Settembru 2002 ghal habta ta' xi 10.45am gewwa l-bini tal-Qorti, fil-belt, Valletta:

1. ikkaguna offiza ta' natura gravi li ggib sfregu fil-wicc ta' Anthony Falzon skond kif iccertifika Dr. Arthur Mercieca M.D u dan bi ksur tal-Artikolu 216(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-akkuza originali li kienet meritu ta' sentenza deciza minn dina l-Qorti kif differentement preseduta;

Rat dik is-sentenza fejn dik il-Qorti iddecidiet li l-ferita stante li kienet tikkonsisti fi sfregju kienet tezorbita l-kompetenza ta' dik il-Qorti fil-kapacita' li allura kienet vestita bl-akkuzi;

Rat il-verbal taghha tas-7 ta' Mejju 2003 u l-korrezjonijiet appositi li gew inseriti fl-akkuza kif riprodotta supra;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat minn jeddu u bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi l-akkuzi kontra l-imputat ghandhom segwitu minn incident li nqala gewwa l-edificju tal-Qorti waqt li kienet qeghdha tinstema il-kumpilazzjoni ta' missier l-imputat li kienet titratta akkuza serja ta' attentat ta' omicidju ta' martu stess. Jidher li f'dik l-udjenza xehdet omm l-istess imputat, kwindi mart l-kwerelant, u fil-waqt li temmiet l-udjenza u kemm l-imputat u martu hargu mill-Awla sehh l-incident meritu din il-kawza li fih involva ruhhu wkoll l-imputat.

Illi fuq l-iskorta tal-provi anke ta' dak li kkonstat 'de visu' din il-Qorti l-ferita gravi tikkonsisti filli missier l-imputat sofra ferita li halliet marka fuq ghajnejh il-leminija. Issa din il-Qorti propensa anke li taccetta bhala fatt pruvat li l-

marka giet kkagunata b'daqqa ta' ponn u li kien l-imputat li kkagunha. Inghad dan pero' din il-Qorti mhux propensa li taccetta il-versjoni li ta l-kwerelant tal-fatti billi jidrilha, kif del resto jindikaw il-provi, li kien l-kwerelant innifsu li hebb ghall-martu u l-imputat fl-ghar ipotesi intervjena biex jiddefendi lill-ommu. Tosserva wkoll din il-Qorti li l-incident ma kienx wiehed protratt izda, skond il-PC 1470 Raymond Sammut, kien wiehed ta' ''sekondi jew minuti''.

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-fatti din il-Qorti hi tal-fehma li tissusisti l-iskusanti billi l-agir tal-imputat ''kien mehtieg mill-bzonn attwali'' li jiddefendi lill-ommu meta sfat attakkata ghal xejn b'xejn minn zewgha.

Fir-rigward l-akkuza dwar il-ksur tal-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li l-imputat ghandu biss jehel twiddiba.

Ghalhekk tiddecidi li ma ssibx l-imputat hati tal-ewwel akkuza u minnha qed tilliberah, rat fil-konfront tat-tieni l-Artikolu 338(dd) u 7 tal-Kap 9 u tikkundannah twiddiba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------